MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 859/2007

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**Vs**

**BBQ Centre Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta` Novembru, 2007 in forza ta` liema intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lil assocjazzjoni attrici s-somma ta` Lm637.20, rapprezentanti kontribuzzjonijiet li ilha dovuta ghas-snin 2006 u 2007 ai termini ta` l-istatut ta` l-assocjazzjoni li jinsab ezebit a fol. 5 et seq tal-process u peress illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma halsitx dan l-ammont mitlub nonostante li giet interpellata diversi drabi ntalab ghalhekk sabiex s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lil assocjazzjoni attrici l-imsemmija somma ta` Lm637.20.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Ra illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta giet legalment notifikata b`dawn il-proceduri, hija baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u lanqas ma deheret f`dawn l-istess proceduri nkluz ghas-seduta ta` llum.

Semghet ix-xhieda moghtija mill-avukat Dr. Victor Axiaq li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub f`din il-kawza kienet ghadha dovuta sa l-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil assocjazzjoni attrici, s-somma mitluba ta` €1,484.27 (Euros) gia` Lm637.20, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------